

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Ottubru 2013 — Dimian vs UASI — Bayer Design Fritz Bayer (Baby Bambolina)

(Kawża T-581/11) ⁽¹⁾

(Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark Komunitarja figurattiva Baby Bambolina — Trade mark nazzjonali preċedenti mhux irreġistrata Bambolina — Raġuni relattiva għal rifjut — Nuqqas ta' użu fil-kummerċ ta' sinjal li l-portata tiegħu ma huwiex biss lokali — Artikolu 8(4) u Artikolu 53(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009)

(2013/C 359/14)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Dimian AG (Nuremberg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: P. Pozzi u G. Ghisletti, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. Bullock, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Bayer Design Fritz Bayer GmbH & Co. KG (Michelau, il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Pröll, avukat)

Suġġett

Rikors kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tat-3 ta' Awwissu 2011 (Każ R 1822/2010-2), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Dimian AG u Bayer Design Fritz Bayer GmbH & Co. KG.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Dimian AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 25, 28.01.2012.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Ottubru 2013 — Bode Chemie vs UASI — Laros (sterilina)

(Kawża T-114/12) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva sterilina — Trade marks Komunitarji verbali u figurattivi preċedenti STERILLIUM u BODE Sterillium — Raġuni relattiva għal rifjut — Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2013/C 359/15)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Bode Chemie GmbH (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: N. Aicher, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: V. Melgar, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Laros Srl (Cremona, l-Italja) (rappreżentant: F. Caricato, avukat)

Suġġett

Rikors kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tas-16 ta' Jannar 2012 (Każ R 2423/2010-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Bode chemie GmbH u Laros Srl.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Bode Chemie GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż indispensabbli sostnuti minn Laros Srl għall-finijiet tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI).

⁽¹⁾ ĠU C 165, 09.06.2012